VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,885, 17 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 287 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008 għall-Grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala l-Avviż Legali 284 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008 għall-Grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat- Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Youth and Community Studies – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Youth and Community Studies – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

Iż-Żieda tal-ordinament 6 mal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 6 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"6. L-istudenti li jiksbu mill-anqas 30 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 6 sa 14 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinamenti 6 sa 14 tal-ordinamenti prinċipali għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 7 sa 15.